# Eżami għad-Dħul
# fl-Ewwel Sena tal - *Junior Lyceum*

# 2006

# MALTI

# TIKTEB XEJN F'DAN L-ISPAZJU

**A. Aqra din is-silta. Fejn jinħtieġ wieġeb il-mistoqsijiet b'sentenzi SĦAĦ.**
*L-ewwel waħda hija eżempju. (L-istudenti huma mħeġġa jiktbu pulit u bla żbalji. Dan jgħodd ukoll meta jikkupjaw minn naħa għal oħra.)* *(9 marki)*

**IL-FUNERAL TAL-VOLPI**



Darba waħda t-tiġieġ sabu l-volpi f'nofs il-mogħdija. Kellu għajnejh magħluqin, u denbu ma kienx qiegħed jiċċaqlaq. *(par. 1)*

"Miet, miet,'' għajtu t-tiġieġ. "Nagħmlulu funeral." *(par. 2)*

Għal dan il-għan daqqew il-qniepen tal-mejtin, libsu l-iswed u s-serduq mar iħaffer fossa f'nofs il-mergħa. *(par. 3)*

Kien funeral sabiħ u l-flieles ġabu l-fjuri. Kif waslu ħdejn il-fossa l-volpi qabeż mit-tebut u kiel lit-tiġieġ kollha. *(par. 4)*

L-aħbar xterdet minn gallinar għal gallinar. Tkellmu fuqha saħansitra fuq ir-radju, imma l-volpi ma tax kas. Ħalla jgħaddi ftit taż-żmien, biddel il-pajjiż fejn kien joqgħod, intefa' għal darb'oħra f'nofs mogħdija u għalaq għajnejh. *(par. 5)*

Ġew it-tiġieġ ta' dak il-pajjiż u minnufih bdew jgħajtu huma wkoll: "Miet, miet! Nagħmlulu funeral." *(par. 6)*

Daqqew il-qniepen, libsu l-iswed u s-serduq mar iħaffer fossa f'nofs għalqa qamħ. *(par. 7)*

Kien funeral sabiħ bil-flieles ikantaw, tant li semgħuhom minn Sqallija. *(par. 8)*

Meta kienu qrib il-fossa, il-volpi qabeż mit-tebut u kiel il-kortew kollu. *(par. 9)*

L-aħbar xterdet minn gallinar għal gallinar u xtered ħafna dmugħ. Tkellem fuqha saħansitra t-televixin, imma l-volpi ma beża' minn xejn. Huwa kien jaf li t-tiġieġ għandhom memorja qasira u b'hekk irnexxielu jgħix ħajtu kollha jagħmilha tal-mejjet. U min jagħmel bħal dawk it-tiġieġ ifisser li ma fehem xejn minn din l-istorja. *(par. 10)*

1. X'sabu darba waħda t-tiġieġ f'nofs il-mogħdija? *(eżempju)*

*F'nofs il-mogħdija, darba waħda, it-tiġieġ sabu l-volpi.*

2. X'wassal biex it-tiġieġ jgħidu li l-volpi kien mejjet? *(marka)*

______________________________________________________________

3. Kif libsu t-tiġieġ għall-funeral tal-volpi? *(marka)*

______________________________________________________________

4. Min ħaffer il-fossa biex fiha jindifen il-volpi? *(marka)*

______________________________________________________________

5. Min ġab il-fjuri għall-funeral? *(marka)*

______________________________________________________________

6. X'għamel il-volpi kif kulħadd kien imdawwar mal-fossa? *(marka)*

______________________________________________________________

7. X'għamel il-volpi wara ftit taż-żmien mill-ewwel avventura tiegħu? *(marka)*

______________________________________________________________

8. X'kienet l-opinjoni tal-volpi dwar it-tiġieġ? *(marka)*

______________________________________________________________

9. X'taħseb li kellu f'moħħu jagħmel il-volpi aktar 'il quddiem? *(marka)*

______________________________________________________________

10. Immarka b'(✓) is-sentenza li taraha toqgħod għal din l-istorja. *(marka)*

| | |
|---|---|
| Fil-ħajja, akbar m'int akbar hemmhekk. | |
| Fil-ħajja trid tagħmel kollox għal wiċċ in-nies. | |
| Fil-ħajja trid toqgħod b'seba' għajnejn fuq ta' madwarek. | |



**B. Mill-istorja li għadek kif qrajt sib kliem/frażijiet li jfissru:** *(4 marki)*
*(L-ewwel waħda hija eżempju)*

| | |
|---|---|
| 1. Triq qalb il-kampanja. | *mogħdija* |
| 2. Post fejn wieħed jirgħa. *(par.3)* | |
| 3. Kelma li tfisser *anke.* | |
| 4. Kelma li tfisser *immedjatament*. | |
| 5. Kelma li tfisser *toqba fonda*. *(par.7)* | |

**Ċ. Ara l-għerq li hemm fil-ġenb.**

**Oħroġ l-Imperattiv minnu.** *(5 marki)*

*Eżempju: "**Orqod** fil-ħin jekk trid tgħix kuntent," qal it-tabib lil Frans.* ***(R-Q-D)***

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | "_____________ il-bużżieqa sew u titqanżaħx wisq," qalet Marija lil Toni. | **N-F-Ħ** |  |
| 2. | "_____________ snienek sew u ta' spiss jekk trid tgawdihom," qal id-dentist lil Mark. | **Ħ-S-L** |  |
| 3. | "_____________ spiss għax il-mixi tajjeb għal saħħitkom," qal it-tabib lill-pazjenti tiegħu. | **M-X-J** |  |
| 4. | "_____________ flimkien u ħudu gost," qalet Sonja lil uliedha. | **L-GĦ-B** |  |
| 5. | "_____________ bl-eżatt biex ma jkollokx ħela," qalet Cynthia lil Helen. | **W-Ż-N** |  |

**D. Imla l-vojt B'XI WĦUD mill-kliem li ssib hawn taħt:** *(6 marki)*

**Il-Fekruna Li Xtaqet Ittir**

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **ajruplan** | **kienet** | **raha** | **hemm** | **qatgħet** | **qallha** | **xorbot** | **vapur** |

Darba waħda kien __________________ fekruna li xtaqet ittir.



Is-seqer _________________ li hi ma setgħetx ittir, iżda hi __________________ daħħlitha f'rasha li ttir.

Meta __________________ daqshekk rasha iebsa s-seqer krielha __________________.

B'hekk il-fekruna ________________________ ix-xewqa tagħha.

**E. Kompli dawn is-sentenzi billi toħroġ kelma mill-kliem miktuba b'ittri kbar.**
*(L-ewwel waħda hija lesta.)* *(5 marki)*

| | | |
|---|---|---|
| 1. | Il-werżieq huwa insett kbir bi **<u>ġwienaħ</u>** trasparenti. | **ĠEWNAĦ** |
| 2. | F'pajjiżna l-werżieq insibuh l-aktar ____________________ is-siġar. | **QLUB** |
| 3. | Meta tkun xemx ___________________ l-werżieq jipproduċi żarżir qawwi. | **QAWWA** |
| 4. | Il-werżieq jipproduċi ż-żarżir billi joqgħod f'post sħun u jċaqlaq il-ġilda ____________________ tiegħu. | **RQIQ** |
| 5. | Meta jisma' lil xi ħadd fil-____________________ il-werżieq jieqaf. | **QOROB** |
| 6. | Il-werżieq hu ħlejqa ___________________ fil-kampanja Maltija. | **IMPORTANZA** |



| |
|---|
| **F. Imla l-vojt skond kif mitlub fil-parentesi.** *(7 marki)*<br>*(L-ewwel waħda hija eżempju.)* |

**Il-Qalb**



1. Il-qalb hija *(il-femminil ta' **huwa**)* pompa tassew b'saħħitha.
2. Hija _______________ *(verb min-nom **pompa**)* d-demm madwar il-ġisem kollu.
3. Kull minuta l-qalb _______________ (verb mill-għerq ***ħ-b-t***) bejn sittin u _______________ (in-numru ***70*** bl-ittri) darba.
4. Kull ċellola tad-demm ippompjat tgħaddi madwar il-ġisem u _______________ *(l-oppost ta' **'il quddiem**)* lejn il-qalb f'minuta.
5. Il-ġisem tal - _______________ *(kelma flok **uman**)* fih madwar 4.4 litri demm.
6. F' _______________ *(kelma oħra għal **ġurnata**)* għalhekk jiġu ppompjati aktar minn 17,000 litru ta' demm fik.
7. Aħna għandna ngħinu lil min ikollu l- _______________ *(kelma oħra flok **ħtieġa**)* tad-demm.

| |
|---|
| **Ġ. Agħti l-plural tal-kliem li hemm fil-parentesi.**<br>*(L-ewwel waħda hi eżempju.)* *(10 marki)* |

**Jiena l-Għammiel tal-Bejt**



Jiena l-għammiel tal-bejt. Jekk tħares lejn il-**ventilaturi** *(ventilatur)* tad-djar, fit- _______________ *(toqba),* fil- _______________ (*ħajt),* fil- _______________ *(katusa),* fuq l- _______________ *(arblu)* u anke fis-siġar, xi darba jew oħra żgur li għandek issib xi waħda mill- _______________ *(bejta)* goffi tiegħi. Min-natura tagħna, aħna l- _______________ *(għasfur)* tal-bejt inħobbu nżommu fi qtajja'. Dan nagħmluh b'mod speċjali wara l-istaġun tal-bejta, meta ninġabru f'_______________ *(numru)* kbar fil- _______________ *(post)* għall-irqad. Bħala ikel nippreferi _______________ *(żerriegħa),* dud u _______________ *(insett).*

**G. Aqra din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet ta' wara.** *(5 marki)*

## Ottubru fil-Kampanja



F'Ottubru l-ġurnata tibda tiqsar u aktar ma jmur aktar toqrob ix-Xitwa. L-arja tiffriska xi ftit, iżda l-ġranet sħan ma jonqsux. Ix-xita bħalissa tkun mistennija u x'aktarx tkun akkumpanjata bil-beraq, ragħad u sajjetti. Bix-xita l-ħamrija toqgħod, it-trab fl-arja jispiċċa, is-siġar jindafu wkoll. Din ix-xita ġġib ħafna xogħol ta' ħart u żrigħ magħha. *(par. 1)*

Il-frott tas-Sajf jispiċċa għal kollox, iżda mbagħad jibda r-rummien u nsibu wkoll xi bajtra tal-Ħarifa. L-għeneb għall-għasir ikun inqata' u magħsur ukoll. Ma' l-ewwel maltemp li jkollna s-siġar jibdew jinżgħu l-weraq. Xi wċuħ jibdew jinbtu u oħrajn imħawla jieħdu r-ruħ. F'dan ix-xahar in-natura terġa' tħaddar, ipassu l-għasafar u nibdew nisimgħu l-għana tal-pitirross. *(par. 2)*

**Immarka b'(✓) it-tajba biex turi xi jfissru dawn il-frażijiet meħuda minn din is-silta.** *(L-ewwel waħda hija eżempju.)*

**Paragrafu 1**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1. | *aktar ma jmur* | iż-żmien inbidel | |
| | | aktar ma jgħaddi ż-żmien | ✓ |
| | | kif jispiċċa kollox | |
| 2. | *ma jonqsux* | jiżdiedu | |
| | | jibqgħu l-istess | |
| | | ikollna xi ftit ukoll | |
| 3. | *jindafu* | isiru aktar nodfa | |
| | | isiru ndaf ħafna | |
| | | ma jibqgħux maħmuġin | |

**Paragrafu 2**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 4. | *għal kollox* | kompletament | |
| | | kważi | |
| | | daqsxejn | |
| 5. | *jinżgħu l-weraq* | joħorġu l-weraq | |
| | | iwaqqgħu l-weraq | |
| | | iżidu l-weraq | |
| 6. | *jieħdu r-ruħ* | jispiċċaw | |
| | | imorru għall-aħjar | |
| | | jinqerdu | |

| | |
|---|---|
| **GĦ. Imla l-vojt skond is-sens tas-sentenza.** | *(8 marki)* |




1. Fl-ilsien Malti għand___ ħafna kliem li ġej minn ilsna Semitiċi.
2. Ħafna _____ pajjiżi ___ __ Afrika ta' Fuq jitkellmu __xi lingwa Semitika.
3. Dawn il-pajjiżi huma: il-Libja, __ Tuneżija, l-Eġittu, __ Marokk u l-Alġerija, fost l-oħrajn.
4. Aħna l-Maltin għandna dan l-ilsien għax barra l-qagħda ġeografika tagħna kellna storja li matul___ konna maħkuma mill-Għarab.

| | |
|---|---|
| **H. Imla l-vojt kif mitlub.** | *(6 marki)* |

**Siġar Taż-Żebbuġ Għall-Bejgħ**

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Id-Dipartiment ta' l- ______________ se jkollu numru ta' siġar taż-żebbuġ għall-bejgħ. | Agħti kelma oħra flok **biedja**. |
| 2 | Ordnijiet għal _____________ is-siġar jistgħu jsiru kull _____________ fix-xahar ta' Ġunju. | Ikteb l-oppost ta' **dawk** u **filgħaxija**. |
| 3 | Il-prezz tas-siġar taż-żebbuġ hu ta': ____________________________________________. | Ikteb **Lm2.75ċ** fi kliem. |
| 4 | Tingħataw ċertifikat ma' kull siġra li juri li s-siġar _________________ mard. | Ikteb **għandhom** fin-negattiv. |
| 5 | Din hija siġra _________________ li għandna nieħdu ħsiebha. | Ikteb **aġġettiv** minn Malta. |



**Ħ. Imla l-vojt fit-tieni sentenza. Żomm l-istess tifsira ta' l-ewwel sentenza.**
**Uża dan il-kliem darba biss:** *iżda, kif, għax, li, biss.* *(5 marki)*

| | | |
|---|---|---|
| 1a | **Dun Karm hu l-poeta nazzjonali ta' Malta. Huwa kiteb poeżiji ta' livell għoli dwar pajjiżna.** |  |
| 1b | Dun Karm hu l-poeta nazzjonali ta' Malta _______________ kiteb poeżiji ta' livell għoli dwar pajjiżna. | |
| 2a | **Rużar Briffa kiteb ħafna poeżiji. Huwa magħruf l-aktar għall-poeżija tiegħu dwar l-imħabba.** |  |
| 2b | Rużar Briffa kiteb ħafna poeżiji, _______________ magħruf l-aktar għall-poeżija tiegħu dwar l-imħabba. | |
| 3a | **Erin Serracino Inglott kiteb id-dizzjunarju *Il-Miklem Malti*. Huwa dam jagħmlu snin kbar.** |  |
| 3b | *Il-Miklem Malti*, id-dizzjunarju _______________ kiteb Erin Serracino Inglott, dam isir snin kbar. | |
| 4a | **Giuseppe Calì ħadem xogħlijiet artistiċi għal djar privati. Huwa ħadem ukoll għal xi knejjes fil-Belt Valletta.** |  |
| 4b | Giuseppe Calì ħadem xogħlijiet artistiċi għal djar privati, _______________ ukoll għal xi knejjes fil-Belt Valletta. | |
| 5a | **Dun Ġorġ Preca kien bniedem reliġjuż. Huwa kien ukoll iħobb jgħallem.** |  |
| 5b | Dun Ġorġ Preca mhux _______________ kien bniedem reliġjuż, iżda kien iħobb jgħallem ukoll. | |

| **I. Aqra dan li ġej u wieġeb il-mistoqsijiet.** | *(5 marki)* |
|---|---|

| | |
|---|---|
| *Isem:* | Janet Grech  |
| *Data tat-twelid:* | 2 ta' Marzu 1982 |
| *Stat:* | Xebba |
| *Edukazzjoni:* | L-iskola Primarja Ħal Blandun: 1986 – 1993<br>L-iskola Sekondarja Ħal Muxi: 1993 – 1998 |
| *Suġġetti favoriti:* | L-Ingliż, il-Matematika u l-Bijoloġija |
| *Xogħol li qiegħda tagħmel bħalissa:* | Tistudja l-friefet ta' Ħal Ħlantun |
| *Attivitajiet oħra:* | Membru attiva fil-"Grupp Żgħażagħ għall-Kampanja" |
| *Professjoni mixtieqa:* | Bijoloġista |

| Immarka (✓) IVA jew LE. *(L-ewwel waħda hija lesta.)* | IVA | LE |
|---|---|---|
| 1. Is-sinjorina jisimha Janet Grech. | ✓ | |
| 2. Hija miżżewġa. | | |
| 3. Tħobb l-Ingliż, il-Matematika u l-Bijoloġija. | | |
| 4. Tixtieq li ssir Bijoloġista. | | |
| 5. Attendiet l-iskola Primarja Ħal Bajjada. | | |
| 6. Tħobb in-natura. | | |

**J. Ikteb komponiment ta' madwar 200 kelma dwar WIEĦED minn dawn is-suġġetti.** *Titlef il-marki jekk tikteb sentenzi kif ġie ġie u bl-iżbalji ta' l-ortografija u tal-punteġġjatura. Ara li jkollok paragrafi f'posthom. Ikteb pulit u kun immaġinattiv/a. (**Jekk trid** tista' tagħmel użu mill-punti li hemm taħt kull suġġett.)* *(25 marka)*

**1. Il-ħbiberija bejn il-popli kollha tad-dinja**

*(Hawnhekk tista' tikteb dwar kemm hawn nies u popli differenti fid-dinja u kif nistgħu ngħinu lil xulxin. Dan nagħmluh għax inħobbu u ngħożżu lill-bnedmin kollha tad-dinja.)*



2. **L-isports fil-ħajja tagħna**

*(Hawnhekk tista' tikteb dwar tipi differenti ta' sports u kif dawn jgħinuna biex ngħixu ferħanin u b'saħħitna. Tista' tikteb ukoll dwar l-importanza li l-isports għandu kemm fl-iskola, kif ukoll f'Malta u fil-bqija tad-dinja.)*



3. **Li kieku kelli nsiefer safra madwar id-dinja …**

*(Hawnhekk tista' timmaġina kemm trid u ssemmi postijiet kemm jogħġbok. Għid madankollu għalfejn inti tkun tixtieq tmur f'dawn il-postijiet kollha.)*



4. **Inċident tat-traffiku**

*(Hawnhekk tista' tiddeskrivi inċident tat-traffiku li rajt, qrajt jew smajt fuqu. Ikteb dwar kif ġara u l-konsegwenzi ta' dan l-inċident.)*



5. **Jum ta' xita**

*(Hawnhekk tista' tiddeskrivi jum ta' xita u kif dan affettwa lilek jew lin-nies ta' madwarek. Tista' tikteb ukoll dwar kif ħassejtek f'jum bħal dan.)*



***Tmiem il-Karta***